MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 172/2000

Il-Pulizija
(Sp Stephen Micallef)
vs
Charles Calleja, iben Emanuel,
imwieled Marsa fis-16 ta' lulju, 1957

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-24 ta' ottubru, 1999 għal ħabta tas-7.00 a.m. f'Marsaxlokk kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
2. talli fl-istess data, lok u ħin ħebb għal persuna ta' Anton Scicluna u ikkaġunalu ferita ta' natura ħafifa skond ċertifikat maħruġ minn Dr. M. Gatt ta' l-Isptar San Luqa;
3. talli fl-istess data, lok u ħin ħebb b'oġġett iebes (injama) għal persuna ta' Peter Scicluna;

4. talli b'daqqa ta' ponn ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq l-istess Peter Scicluna kif iċċertifika Dr. Stanley Spiteri Staines ta' l-Isptar San Luqa.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-persuni ta' Peter u Anton Scicluna minn Ħaż-Żabbar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fl-24 ta' ottubru, 1999 Peter u Anton Scicluna, missier u iben, għal ħabta tal-4.30 a.m. bdew jarmu s-suq ta' Marsaxlokk. Għal ħabta tas-7.00 a.m. wasal ħdejhom l-imputat u beda jarma hu wkoll. Ġara li l-persuna li kellha l-post tagħha bejn l-imputat u Scicluna ma ġiex jarma u kif kien isir isoltu l-post tiegħu kien jinqasam bejn l-imputat u Peter Scicluna. Għal xi raġuni li ma ġietx imfissra tajjeb fl-atti ta' din il-kawża dak in-nhar dak li kien jiġri ssoltu ma seħħx.

Illi nqala argument bejn l-imputat u Peter Scicluna. Peter Scicluna xehed li l-imputat qabad u tah daqqa ta' ponn fuq in-naħa tax-xelluq ta' wiċċu. L-imputat ma ġab injama u ta daqqa fuq dahar Peter Scicluna b'din l-istess injama. L-imputat imbagħad beda jagħti lil Anton Scicluna u konsegwenza tad-daqqiet li sofra spiċċa erba' tijiem l-isptar. Konsgwenza ta' din il-ġlieda Anton Scicluna sofra feriti ta' natura ħafifa iżda Peter Scicluna sofra frattura tax-xedaq li hi ferita ta' natura gravi 'per durata'.

Illi min-naħa tiegħu l-imputat xehed li hu ddefenda ruħu mill-aggressjoni ta' Scicluna u spiċċa li Peter Scicluna tah daqqa ta' qasrija tal-plastic fuq imnieħru u sofra sitt punti fuq imnieħru.

Illi l-versjoni ta' l-imputat tikkontrasta fuq l-aspetti kollha mal-versjoni ta' Peter u Anton Scicluna. Meta iż-żewġ versjonijiet jiġu analizzati bir-reqqa l-versjoni ta' Scicluna hi aktar kredibbli u jidher ċar li hu kien il-vittma ta' l-aggressjoni ta'
l-imputat u ta d-daqqa ta' qasrija lill-imputat biex jiddefendi lil ibnu, Anton Scicluna.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoili 216 (1)(d), 221(1), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn lira maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------